

*Dr Christina Meli gradwat fil-Liġi u fl-Istorja tal-Arti mill-Università ta' Malta. Hija taħdem bħala Research Support Officer fid-Dipartiment tal-Arti u tal-Istorja tal-Arti fl-Università ta' Malta fuq proġett issapportjat mill-Arkivju Notarili. Hija qed taħdem fuq il-PhD fl-istess dipartiment.*

miktuba minn
**Dr Christina Meli**
*LL.D (Melit.), M.A History of Art (Melit.)*



# L-ATTIVITÀ ARTISTIKA FIL-BOTTEGA TAL-ISKULTUR PIETRO PAOLO ZAHRA (1685-1747)

Ħafna aspetti tal-bottega ta' Pietro Paolo Zahra[1] joħorġu mill-istudju tad-dokumenti, ħafna minnhom kuntratti mill-Arkivju Notarili, li jikkummissjonaw xogħlijiet mingħand l-iskultur. Pietro Paolo Zahra twieled l-Isla fis-sena 1685 ġewwa familja li kienet diġà artistikament inklinata, speċjalment lejn l-iskultura. Fil-fatt missier Pietro Paolo, Antonio, kien skalpellin li ħadem f'diversi knejjes Maltin, fosthom dik ta' Ħal Lija.[2] Meta żżewweġ lil Augustina Casanova,[3] Pietro Paolo Zahra għaqqad żewġ familji Sengleani li kienu importanti ħafna għall-iżvilupp tal-iskultura reġjonali tal-Gżejjer Maltin għax il-familja Casanova kienet waħda mill-iktar importanti fejn kellu x'jaqsam xogħol artistiku fil-ġebla Maltija. Pietro Paolo u Augustina baqgħu jgħixu l-Isla fejn kellhom seba' wlied, fosthom Francesco Zahra, wieħed mill-iktar artisti importanti ta' Malta fis-seklu tmintax.

Hija probabbiltà kbira li l-bottega ta' Pietro Paolo Zahra kienet ukoll tinsab ġewwa l-Isla. Għalkemm il-post tal-bottega qatt ma jissemma direttament fid-dokumenti, l-iskultur kien imwieled, imrobbi, u għex l-Isla ħajtu kollha u dan il-fatt dejjem jissemma fil-kuntratti min-nutara (Fig. 1). Mill-kuntratti huwa żvelat ukoll li ħuh, Giacomo, u t-tfal tiegħu, Felice u Francesco Zahra kienu qed jaħdmu fil-bottega ta' Pietro Paolo bħala assistenti. Huwa żgur li kellu assistenti oħra preżenti fil-bottega tiegħu però dawn ma kinux jitqiesu importanti biżżejjed biex jissemmew fid-dokumenti uffiċjali b'isimhom.

Giacomo, li kien jiġi ħu Pietro Paolo Zahra, probabbli kien imħarreġ fis-sengħa flimkien ma' ħuh fil-bottega ta' missierhom, Antonio. Għalkemm mhux daqs ħuh, Giacomo ġieli jissemma fl-atti tan-nutara, iżda ħafna drabi ismu kien

1 Pietro Paolo Zahra u l-influwenza tal-istil Barokk Ruman fix-xogħolijiet tiegħu kienu s-suġġett tat-teżi għal-lawrja tal-Master's ta' Christina Meli, sottomessa lid-Dipartiment tal-Istorja tal-Arti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta f' Jannar 2017.

2 Vincent Borg (ed.), *Il-Knisja Parrokkjali ta 'Ħal Lija: Storja, arkitettura, pittura*, Valletta, Giovanni Muscat, 1982, 23, 49, 56, 62, 75.

3 Arkivju Parroċċa Senglea, *Liber Matrimonium*, Volum I, 1587-1715, p. 1074.




*Fig. 1 Mappa tal-Isla li turi l-akkwati ta' fejn kien joqgħod Pietro Paolo Zahra mal-familja tiegħu. (Ritratt: Arkivju Parroċċa Senglea).*



*Fig. 2 Ir-reredos tal-artal prinċipali tal-knisja ta' San Ġakbu fiż-Żurrieq, attribwita lill-familja Fabri.*

ikun marbut ma' xi xogħol li fih kien involut Pietro Paolo Zahra. Dan hu l-każ fil-kummissjoni tal-artal tat-Trinità fil-knisja parrokkjali tal-Isla.[4] Fl-1720, Pietro Paolo Zahra daħal fi ftehim mal-prokuraturi ta' dan l-artal biex inaqqax il-prospettiva tal-artal b'figuri u b'putti skont id-disinn li pproduċa hu stess. Ta' dan ix-xogħol kien se jitħallas 117-il scud u sitt tari. Aktar tard fl-1721, insibu lil Pietro Paolo Zahra qiegħed jittrasferixxi 31 scudi u żewġ tari minn dan l-ammont lil Giacomo tax-xogħol tat-tnaqqix fuq l-istess artal.[5] Minn dan il-kuntratt, insiru nafu wkoll li Giacomo kien qed jgħix ma' ħuh dak iż-żmien għax in-nutar iniżżel dan il-fatt fl-att.[6] Insibu l-isem ta' Giacomo f'att prinċipali biss meta Pietro Paolo kien qiegħed jikber fl-età fl-1740 meta Giacomo kien ikkummissjonat xogħol ta' skultura fil-knisja parrokkjali ta' Santa Liena f'Birkirkara.[7]

L-istess jista' jingħad għal Felice, iben Pietro Paolo Zahra. Fil-fatt ma tantx jissemma b'ismu fil-kuntratti notarili imma fejn jissemmew assistenti nistgħu ngħidu li Felice żgur kien wieħed minnhom. Hekk hu l-każ tal-kummissjoni tal-iskultura f'diversi partijiet tal-knisja tal-Porto Salvo fil-Belt Valletta. F'dan iż-żmien Pietro Paolo kellu wieħed u sittin sena u nistgħu ngħidu li ħafna mix-xogħol ta' strapazz kien isir minn Felice. Huwa interessanti madankollu li fil-kuntratt insibu kundizzjoni li Pietro Paolo ried ikun preżenti għall-inqas darbtejn fil-ġimgħa – *il detto Zahra sarà tenuto, et obligato di tener continuamente fisso in detto lavoro al sudetto lavorante suo figlio come anche assistere e lavora-*

4 Arkivju Notarili Valletta (ANV), Nutar A. Vivieri, R487, Volum 6, ff. 50v-52v. Ara wkoll John Debono (ed.), *Documentary Sources on Maltese Artists: Pietro Paolo Zahra (1685-1747) and his son Francesco Vincenzo (1710-1773)*, Malta, ippubblikat mill-awtur, 2010, 75.

5 ANV, Nutar A. Vivieri, R487, Volum 7 (1721-1723), ff. 52v-54r. (1721-1722). Debono (2010), 77.

6 '...*et transfert Magistro Jacobo Zahara eius germane fratri, et cohabitatori et cognito praesente*...' ANV, Nutar A. Vivieri, R487, Volum 7 (1721-1723), ff. 53r (1721-1722). Debono (2010), 77.

7 Debono (2010), xv-xvi.



*Fig. 3 Ir-reredos tal-artal tal-Madonna tad-Dawl fil-knisja ta' San Ġakbu fiż-Żurrieq, imnaqqxa minn Pietro Paolo Zahra.*



*Fig. 4 Ir-reredos tal-artal tal-Annunzjata fil-knisja ta' San Ġakbu fiż-Żurrieq, imnaqqxa minn Pietro Paolo Zahra.*

*re il detto Zahra per due giorni ogni settimana almeno...*[8]

L-iskultur Pietro Paolo Zahra kellu wkoll diversi kollaboraturi li kien ifittex biex jgħinuh iwettaq xogħlijiet li kien impossibbli li jagħmel waħdu. Jeħtieġ li nżommu f'moħħna li x-xogħol tal-iskultura, speċjalment meta nitkellmu fuq xogħol fil-knejjes bħal artali u prospettivi, kienu jeħtieġu tim sħiħ ta' nies imħarrġin fis-sengħa tal-iskalpellini. L-iskultur kien ukoll involut fl-arkitettura u d-disinn ta' xi pjanti għal knejjes żgħar bħalma hi dik iddedikata lil San Ġakbu fiż-Żurrieq.[9] Għalhekk, Pietro Paolo Zahra kien jagħmel diversi kuntatti indispensabbli ma' nies ta' snajja' differenti, fosthom kapomastri bħalma kienu Lorenzo Mieli u Michele Micallef. Kollaborazzjonijiet ma' familji ta' skalpellini oħra, bħall-familja Fabri, kienu wkoll komuni u għall-knisja ta' San Ġakbu fiż-Żurrieq, il-familja Fabri ħadmet il-prospettiva tal-artal maġġur waqt li Pietro Paolo Zahra naqqax l-artali ta' mal-ġenb (Fig. 2-4).[10] L-iktar kollaborazzjonijiet importanti kienu ma' ibnu Francesco; Pietro Paolo kien inaqqax l-artal u Francesco jpitter il-kwadru. Minn dawn is-sitwazzjonijiet hawn ħafna, fosthom waħda mill-isbaħ u l-ikbar kollaborazzjonijiet insibu l-Oratorju tal-Kurċifiss fl-Isla. Pietro Paolo Zahra kien ukoll jikkollabora ma' mastrudaxxi u għal dan l-istess Oratorju naraw kif ħadem ma' Giuseppe Borg biex inħadmu u tnaqqxu s-siġġijiet tal-kor.[11] Dawn is-sitwazzjonijiet ta' kollaborazzjoni kienu spissi fil-karriera tal-iskultur, xhieda wkoll ta' kemm kienet miżgħuda b'xogħol il-bottega tiegħu.

Pietro Paolo Zahra kien ukoll jagħmel kuntatti oħrajn fejn kellu x'jaqsam ix-xiri tal-ġebla. Ħafna drabi fil-kuntratti bejn Pietro Paolo Zahra u l-persuna jew organizzazzjoni li qed tikkummissjona x-xogħol, din kienet titniżżel bħala r-responsabbiltà tal-iskultur u għalhekk kien jeħtieġ li jara minn fejn jakkwistaha. Dan hu aspett industrijali tax-xogħol fl-iskultura li ħafna drabi jiġi injorat, però huwa denju ta' studju ikbar għax l-industrija tal-arti tipprovdi ħafna informazzjoni ġdida fuq il-metodu tal-artist. Ħafna kuntratti kienu jinkludu wkoll kundizzjoni fuq mil-liema barriera għandha tinqata' l-ġebla li kellha tintuża minn Pietro Paolo Zahra. Dawn il-klawżoli juru li kemm min qed jikkummissjona x-xogħol u kemm l-iskultur kienu konxji dwar l-importanza tal-għażla t-tajba tal-ġebla u f'ċertu każijiet, kienet ukoll terġa' tintuża ġebla li kienet

8 ANV, Nutar F. Alfano, R15, Volum 17 (1746-1748), f. 335v. Debono (2010), 239.

9 ANV, Nutar M.A. Brancati, R87, Volum 39, ff. 25v-27v.

10 Ibid.

11 ANV, Nutar F. Alessi, R 14, Volum 5, ff. 75r-77v. Debono (2010), 127.







...ualmente l'Altare del SS.mo Rosa-
rio della SS.ma Vergine Maria eretto
nella Ven. Chiesa Par.le della terra
Zeitun, e fare nella sua parte supe-
riore un Angelo, che porta una coro-
na di rose, un pottino, che sostiene una
nuvola, due Angeli con le loro nuvo-
le nelli lati della cornice del dett.
Altare, uno cioè per cadaun lato; due
altri pottini con loro nuvolette, che sos-
tengono la cornice del dett. Altare,
tutti l'ornamenti della Necchia, nel-
la quale vien' riposta l'imagine divo-
tissima sotto titolo della purificazione
della d.ta SS.ma Vergine, due capitelli,
e due vase nelli primi due ...

*Fig. 5 Att mill-Arkivju Notarili fejn qed tissemma li Pietro Paolo Zahra kellu diġà ġebla mill-barriera ta' Santa Vennera għall-anġli tal-Oratorju tal-Kurċifiss. (Ritratt: Arkivju Notarili Valletta).*

*Fig. 6 Att mill-Arkivju Notarili fejn qed tissemma deskrizzjoni dettaljata tal-artal li llum m'għadux jeżisti. (Ritratt: Arkivju Notarili Valletta).*

diġà użata; fatt li juri li l-ġebla, għalkemm komuni, kienet ukoll tiswa' l-flus fis-seklu tmintax f'Malta. Eżempju ta' dan huwa l-kuntratt fejn qed jiġi kkummissjonat ix-xogħol tal-bini u skultura fil-kor tal-knisja parrokkjali tal-Isla fejn saret kundizzjoni li l-ġebla għall-bini kellha tinqata' mill-barrieri ta' Kordin u tal-Floriana fejn il-Kapuċċini però l-ġebla għall-pavimentar tal-art kellha tinqata' minn Santa Vennera.[12] L-istatwi tal-anġli fl-Oratorju tal-Kurċifiss fl-Isla wkoll huma mnaqqxin minn ġebla maqtugħa mill-barriera ta' Santa Vennera (Fig. 5).[13] Dan juri li din il-ġebla kienet aktar addattata għall-iskultura u għalhekk probabbli kienet ta' kwalità aħjar.

Il-maġġorparti tax-xogħlijiet ta' Pietro Paolo Zahra jinsabu fi knejjes, għalkemm il-bottega tiegħu kienet ukoll tgawdi mill-patroċinju limitat tal-Ordni ta' San Ġwann kif ukoll xi individwi nobbli. F'dan ir-rispett, Pietro Paolo Zahra ġieli naqqax skultura fl-injam għall-*Galera Capitana*[14] meta kien imqabbad minn Fra Giovanni Pueyo, is-segretarju tat-Teżor tal-Ordni. Individwi nobbli, bħalma kien it-tabib Filippo Gauci, kien ukoll ikkummissjona statwa fil-ġebel tal-Verġni Immakulata għal użu domestiku u privat.[15] Min kien qed jikkummissjona x-xogħol kien ikollu ċertu poter fuq dak li kien se jitwettaq mill-iskultur u dan jiġi rifless ħafna fil-kuntratti li nsibu fl-Arkivji Notarili. Pietro Paolo Zahra kien ikollu jimxi ma' ċertu limitazzjonijiet, kundizzjonijiet, u talbiet li kien jagħmel l-individwu li kien qed iħallas għax-xogħol tal-iskultura. L-Agostinjani kellhom l-aqwa kwalità f'moħħhom meta kkummissjonaw ix-xogħol ta' skultura għall-artal ta' Sant'Antnin fil-knisja ta' San Mark fir-Rabat għax insistew li għalkemm Pietro Paolo Zahra seta' jitlob l-għajnuna tal-bottega tiegħu, kien meħtieġ li hu biss inaqqax l-istatwi tal-figuri tal-anġli, l-iktar biċċa importanti tal-prospettiva.[16] F'kummissjoni oħra, Pietro Paolo Zahra

12 '...*provedere tutta la pietra, la quale dovrà esser tagliata dalla barriera esistente nel Corradino, e dà quella di sotto li Capuccini, terra, calce, arena, et ogn'altro bisognevole per detta fabrica, con latricare il pavimento del coro, et altare con ciangatura di Santa Vennera...*' ANV, Nutar G.D. Chircop, R182, Volum 25, f. 240r. Debono (2010), 100.

13 '...*lavorare, et intagliare con pietra di Santa Vennera...*' ANV, Nutar V. Marchese, R343, Volum 36, ff. 752r. Debono (2010), 191.

14 ANV, Nutar G. Callus, R126, Volum 34 (1722-1724), ff. 481r-482v (1723-1724). Debono (2010), 116.

15 ANV, Nutar I. Debono, R210, Volum 47, ff. 40v-41r. Debono (2010), 94.

16 ANV, Nutar I. Debono, R210, Volum 40, ff. 793v-795r. Debono



kien saħansitra limitat fl-għodda li kellu juża, f'dan il-każ il-*piccone* u l-*iscalpello*, sabiex jiġu mħarsa l-istruttura u l-pedamenti tal-knisja.[17]

Fil-kuntratti, insibu wkoll ħafna deskrizzjonijiet ta' artali li kienu jitniżżlu fil-kuntratt biex jagħmlu referenza għax-xogħol li se jsir. Dawn id-deskrizzjonijiet huma utli ħafna għall-istudjużi tal-istorja tal-arti speċjalment fejn l-artal li jkun qiegħed jiġi kkummissjonat fil-kuntratt partikolari sfortunatament m'għadux jeżisti minħabba li tkisser bil-gwerra jew inqered minħabba xi alterazzjonijiet li saru fil-knejjes. F'każ partikolari nsibu din id-deskrizzjoni tal-artal tar-Rużarju fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun li m'għadux jeżisti: '*... nella sua parte superiore un'angelo che porta una corona di rose, un pottino che sostiene una nuvola, due angeli pottini con loro nuvolette, che sostengono la cornice del dett'Altare, tutti l'ornamenti della necchia, nella quale vien'riposta l'imagine divotissima sotto titolo della purificazione della detta Santissima Vergine, due capitelli, e due base nelli primi due pilastri che vi sono nella necchia del dett'Altare...*' (Fig. 6).[18] Hija sfortuna li minn dawn insibu numru mdaqqas.

L-istudju tal-attività artistika tal-bottega ta' Pietro Paolo Zahra hija denja ta' iktar studju mhux biss għax hija parti essenzjali mill-metodu ta' kif kien jaħdem u għalhekk tiżvela elementi importanti fuq ix-xogħlijiet ta' dan l-artist imma wkoll għax studju bħal dan jitfa' dawl ġdid fuq il-metodu u l-attività tal-bottegi reġjonali Maltin fis-seklu tmintax fi ħdan il-kuntest internazzjonali tal-Barokk Ruman.

---

(2010), 68.

17 ANV, Nutar G. Grech, R303, Volum 2, ff. 883r-885r. Debono (2010), 20.

18 ANV, Nutar T. Vella, R478, Volum 25, f. 1399r. Debono (2010), 118.




